## SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 1** | **SOCIAL STUDIES** | **TIME: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Name: _______________________________ Class: _______________

**A. Dawn huma kollha kliem li nużaw ta' spiss fl-Istudji Soċjali. Sib it-tifsira tagħhom billi tagħmel numru fil-kaxxa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Soċjeta' | | Suġġett li jfehemni l-importanza kif ngħix ma l-oħrajn. |
| 2. | Rwol | | Poplu li jgħix f'pajjiż bi gvern tiegħu u liġijiet. |
| 3. | Dritt | | Post ta' tagħlim u edukazzjoni li għandi bżonn. |
| 4. | Dmir | | Is-sehem li nagħti fil-familja, fl-iskola u fejn nkun. |
| 5. | Grupp | | Dak il-jedd li huwa tiegħi bħala membru tas-soċjeta' |
| 6. | Ħbieb | | Persuni li jaħdmu bi skop wieħed u b'responsabbilta' lejn xulxin. |
| 7. | Komunita' | | Obbligu u responsabbilta' lejn l-oħrajn. |
| 8. | Familja | | Naqsam magħhom ħsibijieti għax nifhem li huma sinċieri miegħi. |
| 9. | Skola | | Grupp ta' nies li għandhom relazzjoni mill-qrib. |
| 10. | Studji Soċjali | | Għaqda ta' persuni fiż-żwieġ mibnija fuq relazzjoni intima. |

**(1x10 = 10 marki)**

**B. Ir-rwol huwa s-sehem li għandi jien skond fejn inkun qiegħed. Għalhekk għandi responsabbiltajiet f'kull rwol. Semmi ŻEWĠ responsabbiltajiet li għandek tagħmel int.**

1. Fil-familja ______________________ ______________________
2. Fl-iskola ______________________ ______________________
3. Fil-pajjiż ______________________ ______________________
4. Fejn noqgħod ______________________ ______________________
5. Fil-knisja ______________________ ______________________

**(2x5 = 10 marki)**

**Ċ. Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| żviluppati | Maqgħuda | Lokali | sehem | Ċittadini |
| raħal | internazzjonali | l-Ewropa | paċi | bżonn |

Aħna lkoll ngħixu f'komunita' _________________________, jiġifieri f'belt jew _________________________. Għalhekk inħossuna parti minn dan il-grupp ta' nies li nagħmluha magħhom u nieħdu _________________________ f'dawk l-attivitajiet, bħal festi, li jiġu organizzati. Iżda aħna wkoll _________________________ Maltin, għax twelidna Malta u din l-art tatna isimha. Iżda pajjiżna huwa wkoll membru ta' ħafna għaqdiet _________________________, bħall-Ġnus _________________________, u l-Kunsill ta' _________________________. Dawn huma żewġ għaqdiet li jaħdmu għall-għaqda u l-_________________________ fid-dinja. Aħna l-Maltin dejjem għinna lil min hu fil-_________________________ l-aktar fil-pajjiżi mhux _________________________.

**(1x10 = 10 marki)**

**D. Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Xi kultant nistaqsu lilna nfusna 'imma x'inhu eżatt das-suġġett ta' l-Istudji Soċjali?' Irridu niftakru li aħna maħluqin biex ngħixu ma' l-oħrajn, f'soċjeta', u għalhekk irridu nitgħallmu r-regoli kif nagħmlu dan permezz tas-soċjalizzazzjoni. Nibdew l-ewwel fil-familja mal-ġenituri u ħutna, u wara mal-ħbieb meta nibdew niltaqgħu ma' nies oħra l-iskola u postijiet oħrajn. Nibdew nagħmlu parti minn gruppi soċjali differenti, u permezz ta' l-interazzjoni soċjali naqsmu l-idejat, in-normi u l-valuri. Kull fejn inkun, għandi r-rwol tiegħi fis-soċjeta'. Wara l-familja, l-iskola u għaqdiet oħrajn, nieħdu sehem ukoll fil-komunita' lokali fejn noqogħdu.

1. Għaliex il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr l-oħrajn?

_______________________________________________

2. X'jissejjaħ il-mod li bih nitgħallmu n-normi tas-soċjeta'?

_______________________________________________

3. Fejn nibdew nitgħallmu ir-regoli ta' mġiba fis-soċjeta'?

_______________________________________________

4. Semmi żewġ postijiet fejn tiltaqa' ma' nies oħrajn:

______________________ ______________________

5. X'jiġifieri jkolli interazzjoni soċjali?

_______________________________________________

6. Xi rwol għandi bħala membru tal-familja?

______________________________

7. Semmi dmir wieħed bħala student fl-iskola.

______________________________

8. Liema hi l-komunita' lokali tiegħek?

______________________________

9. Semmi żewġ gruppi soċjali li tagħmel parti minnhom.

______________ ______________

**(2x10 = 20 marka)**

**E. Semmi TNEJN.**

1. Bżonnijiet li taqdilek il-familja ______________ ______________
2. Aġenti ta' soċjalizzazzjoni ______________ ______________
3. Regoli ta' l-iskola ______________ ______________
4. Kif tista' tgħin fid-dar ______________ ______________
5. Nies li jgħinuk ______________ ______________

**(2x5 = 10 marki)**

**F. Għaqqad flimkien dawn il-forom differenti ta' familja.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Familja nuklejari | | Tgħix ħajja mibnija fuq l-imħabba u l-koperazzjoni. |
| 2. | Familja estiża | | Tikkonsisti fil-ġenituri u l-ulied biss. |
| 3. | Familja simmetrika | | Ir-responsabbilta' taqa' fuq sieħeb biss. |
| 4. | Familja b'ġenitur wieħed | | Tikkonsisti fil-ġenituri, ulied, żijiet u nanniet. |
| 5. | Familja li tgħaddi l-valuri | | Ir-responsabbilta' tinqasam bejn il-ġenituri ndaqs. |

**(1x5 = 5 marki)**

**Ġ. Kieku int x'kont tagħmel? Għaliex?**

1. Int trid tixtri xi ħaġa u l-prezz għoli wisq:

   Kif taħsibha int? ______________________________

   Kif taħsibha ommok? ______________________________

   Kif jintlaħaq ftehim? ______________________________

2. Meta jinqala' argument fil-familja:

   Kif taħsibha int? ______________________________

   Kif jaħsbuha l-ġenituri? ______________________________

   Kif jintlaħaq ftehim? ______________________________

3. Il-ġenituri tagħna iridu li x-xogħol jinqasam bejn kulħadd fil-familja:

   Kif taħsibha int? ______

   Kif jaħsbuha l-ġenituri? ______

   Kif jintlaħaq ftehim? ______

4. Il-ġenituri jgħidulek biex tagħmilha ma' min hu aħjar minnek:

   Kif taħsibha int? ______

   Għaliex jgħidulek hekk? ______

   Kif jintlaħaq ftehim? ______

5. Fi skola sekondarja int trid tirsisti iżjed:

   Kif taħsibha int? ______

   X'jgħidulek il-ġenituri? ______

   X'għandu jsir? ______

**(3x5 = 15-il marka)**

G. Il-kompjuters u t-televixin huma forsi l-iżjed żewġ mezzi li nużaw f'ħajjitna. Iżda t-tnejn li huma għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom u rridu noqogħdu attenti għalihom. Semmi ĦAMSA minn dawn.



______

______

**(1x5 = 5 marki)**

**GĦ. Ikteb ħmistax-il linja fuq WIEĦED minn dawn:**

1. Naqsam ma' l-oħrajn għax hekk jaqbillu kulħadd.
2. Semmi tlieta minn nies li tissoċjalizza magħhom kuljum. Għid kif tgħinu lil xulxin.
3. Semmi tliet bżonnijiet li aħna lkoll għandna bħala bnedmin u tkellem dwarhom.
4. X'differenza rajt bejn l-iskola Primarja u dik Sekondarja?
5. Iddeskrivi xi proġett jew attivita' li ħadt sehem fiha fl-iskola matul din is-sena, u għid x'ħadt mill-proġett jew mill-attivita'.

**(15-il marka)**